MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 98/2002/1

**Hugh Greengrass**

**vs.**

**Lucia Greengrass**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici pprezentata fid-29 ta' Jannar 2002 fejn l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, ppremetta:-

Illi l-kontendenti ikkuntrattaw iz-zwieg bejniethom fl-1972 skond ma jidher mill-estratt tac-certifikat relattiv anness mac-citazzjoni, esebit u mmarkat bhala Dok. "A", minn liema zwieg twieldu tlett (3) itfal, illum kollha maggorenni;

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irremedjabbilment minhabba sevizzi, minacci, theddid w ingurji gravi, kif ukoll adulterju da parti tal-konvenuta, w inkompatibilita` serju ta' karattru;

Illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi b'din l-istanza permezz ta' Digriet moghti mill-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Jannar 2002, anness, esebit u mmarkat bhala Dok "B";

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi, imputabbli lill-konvenuta u rikonoxxuti mill-Ligi;

2. Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi;
3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuta iddekadiet minn sehemha fil-komunjoni ta' l-akkwisti, u konsegwentement tapplika l-effetti ta' l-**artikolu 48 *et seq* tal-Kodici Civili** kontra l-istess konvenuta, u favur l-attur;

4. Tassenja l-assi kollha formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti lill-attur;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u l-lista tax-xhieda a fol. 3 tal-process.

Rat ic-certifikat taz-zwieg esebit u mmarkat bhala Dok "A" a fol. 5 tal-process.

Rat il-kopja tad-digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili esebit u mmarkat bhala Dok "B" a fol. 6 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ l-attur a fol. 14 tal-process fejn *in vista* tad-diffikolta` rinfaccjata sabiex il-konvenuta tigi notifikata, talab lil din il-Qorti tordna n-notifika tac-citazzjoni u l-avviz tas-smigh wara l-hinijiet legali u f’kaz ta’ ezitu negattiv, bil-procedura tal-affissjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Mejju 2002 a fol. 17 tal-process fejn il-konvenuta kienet ghadha mhux notifikata.

Rat ir-rikors ta’ l-attur a fol. 18 tal-process fejn *in vista* tar-rifjut tal-konvenuta tan-notifika bl-att tac-citazzjoni, talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrikjama l-kawza f’data aktar vicina sabiex ikun jista’ jinstema` l-Marixxal Andrew Grixti u l-Qorti tiddikjara illi l-konvenuta giet notifikata fid-data tar-rifjut taghha, u kif ukoll sabiex fil-mori tad-differiment ikun awtorizzat jipprezenta l-affidavits kollha opportuni u jigi nominat Assistent Gudizzjarju sabiex fil-mori tad-differiment jisma’ lil dawk ix-xhieda li ma humiex producibbli bil-procedura ta’ l-affidavit.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti a fol. 19 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Gunju 2002 fejn f’liema seduta xehed il-**Marixxal Andrew Grixti** ghall-finijiet tan-notifika tal-konvenuta.

Rat id-digriet ta’ l-istess data fejn *in vista* tal-fatt li l-konvenuta jidher, mir-riferta *a tergo* ta’ fol. 16, tal-process, li rrifjutat in-notifika tac-citazzjoni attrici fid-9 ta’ Mejju 2002, il-Qorti ddikjarat *ai termini* tal-ligi li l-istess konvenuta ghandha tigi kkunsidrata li giet notifikata fid-9 ta’ Mejju 2002, data meta skond il-Marixxal tal-Qorti l-istess konvenuta irrifjutat li tigi notifikata bl-istess citazzjoni.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-25 ta’ Gunju 2002 a fol. 42 tal-process fejn l-attur inghata l-ordni li fi zmien hamsin (50) gurnata jipprezenta x-xhieda tieghu permezz tal-procedura ta’ l-affidavits.

Rat illi l-konvenuta ma pprezentat ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk hija baqghet fi stat ta' kontumacja.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti nkluzi tal-15 ta' Mejju 2002, tal-25 ta' Gunju 2002, tad-29 ta' Ottubru 2002 u tal-11 ta' Dicembru 2002 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2003.

Rat li l-konvenuta giet moghtija l-fakolta' tipprezenta nota ta' l-osservazzjonijiet taghha permezz ta' digriet datat 11 ta' Dicembru 2002, izda l-istess konvenuta naqset li taghmel dan.
Rat in-nota guramentata ta' l-attur datata 8 ta' April 2003.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-istess attur.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-unici provi li tressqu fil-procediment ta' din il-kawza kienu dawk ta' l-attur fejn fl-affidavit tieghu xehed dwar il-hajja matrimonjali u l-fatti cirkostanzjali illi wasslu ghat-tifrik taz-zwieg. Il-Qorti tinnota illi l-attur *nonostante* illi indika diversi xhieda fil-lista ta' xhieda li giet ipprezentata mac-citazzjoni u *nonostante* illi kien awtorizzat iressaq il-provi permezz tal-procedura ta' l-affidavits, ipprezenta x-xhieda tieghu biss, u dan jidher li sar peress li l-konvenuta baqghet kontumaci.

Illi l-attur xehed illi l-problemi bdew wara l-mewt ta' missieru ghaliex il-konvenuta kienet tqanqal kwistjonijiet fuq il-wirt ta' missieru. Xehed ukoll illi l-konvenuta kienet

ta’ spiss tohrog wahedha u kienet tirritorna lura ghall-habta ta’ nofs il-lejl:

“*…kienet hi stess li kienet tohrog wahedha ta’ spiss dak iz-zmien, u tidhol f’nofs il-lejl.*”

Illi fis-sena 1991 il-konvenuta riedet tissepara u minghajr il-kunsens ta’ l-attur poggiet id-dar matrimonjali ghall-bejgh. L-attur xehed illi huwa pprova jsalva z-zwieg specjalment fl-interessi tat-tfal minuri izda ma rnexxilux:

“*…ppruvajt nikkonvinci lil Lucia  biex insalvaw iz-zwieg, l-aktar ghaliex kien ghad kellna t-tfal zghar. Imma marti ma ridetx taf biz-zwieg taghna, …*”

Illi sussegwentement, id-dar matrimonjali nbieghet u l-attur mar jghix flimkien ma’ uliedu ghand ommu. Ftit taz-zmien wara l-attur akkwista fond, liema fond gie akkwistat f’isem huh Joseph Greengrass, fejn l-attur mar jghix flimkien ma’ uliedu.

Illi fis-sena 1992, *tramite* l-intervent ta’ Qassis, il-kontendenti rrikikonciljaw, u kien hemm li skond l-attur “*ghall-ewwel, Lucia qaghdet kwieta”* (a fol. 2 ta’ l-affidavit ta’ l-attur). Wara ftit taz-zmien l-attur accetta illi l-fond li fih kienu qeghdin jirrisjedu jigi trasferit ghal fuq isem il-kontendenti (vide Dok “HG2”).

Illi l-attur xehed ukoll li kif il-fond gie trasferit ghal fuq isem il-kontendenti rega’ beda l-inkwiet tant li qal li:-

“*Imma haga ta’ l-iskantament, malli dawwarna l-post fuq isimna, ergajna bdejna bl-inkwiet ... Bqajna sejrin hekk – marti taghmel ix-xenati ghal xejn b’xejn – dejjem bl-istejjer.”* (a fol. 3 ta’ l-affidavit).

Illi ghal darba ohra minghajr il-kunsens ta’ l-attur il-konvenuta regghet poggiet il-post ghall-bejgh. L-attur xehed ukoll illi fl-4 ta’ Novembru 2001 martu siefret lejn l-Awstralja minghajr ma nfurmatu, u skond hu telqet bl-intenzjoni illi tibda tirrisjedi hemmhekk. Illi huwa spjega s-sitwazzjoni b’dan il-mod:-

"*Fl-4 ta' Novemnbru 2001, marti qabdet u telqet lejn l-Awstralja minghajr lanqas infurmatni. Kont sirt naf minghand in-nies.*"

Illi jidher li l-konvenuta kellha ntenzjoni illi titrasloka ruhha hemmhekk peress illi ttantat itella' maghha numru konsiderevoli ta' ghamara formanti parti mill-assi komunitarji.

**(a) Sevizzi, minacci, theddid u ngurji gravi.**

Illi l-attur xehed a fol. 1 ta' l-affidavit tieghu (a fol. 28 tal-process) li l-konvenuta "*… kienet tivvinta li jien kont immur man-nisa.*" Xehed ukoll illi dan it-tghajjir kien sar abitwali u rikorrenti. A fol. 3 ta' l-affidavit tieghu (a fol. 30 tal-process) l-attur xehed li:-
"*Ftit wara nofs Awissu tas-sena l-ohra (2001), l-affarijiet iggravaw hafna. Lucia hadet il-vizzju li tiftah it-twieqi tad-dar kollha, u tibda tghajjarni li mmur ma' nisa ohrajn – haga li kienet f'rasha biss.*"

Illi l-attur qal ukoll illi: " *…il-konvenuta kienet dejjem thedded lill-esponenti illi jekk ma jaghtihiex kull ma titlob u ma jaghmilx dak li riedet, anke jekk tali pretensjonijiet kienu rragonevoli fic-cirkostanzi, hija kienet ser titlaq lilu u lill-familja … bhalma effetivament ghamlet darbtejn".*

Illi hawnhekk, il-Qorti thoss li huwa opportun li taghmel referenza ghas-sentenza citata mill-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu fl-ismijiet **"Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud"** (P.A. 30 ta' Gunju 1961) fejn inghad li fil-kuntest ta' separazzjoni bejn il-partijiet *"certi fatti, kliem u mod ta' azzjoni jew attegjament li jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizji…."* u thoss wkoll li f'dan il-kaz, l-attegjament mill-konvenuta rrenda l-hajja komuni insopportabbli u li dan jammonta wkoll ghal sevizzi.

**(b) Adulterju.**

Illi ghalkemm l-attur jallega li martu kkommetiet adulterju, huwa ma ressaq l-ebda prova konkreta u konkluziva dwar l-allegazzjoni ta' adulterju *tranne* dikjarazzjoni maghmula fl-affidavit tieghu fejn xehed illi:-

"*Malli giet lura, Lucia kienet dejjem tghidli, anke quddiem it-tfal, li l-Awstralja kellha wiehed jismu Charles, u kienet ser tmur mieghu tghix hemmhekk.*"

Illi jidher mill-atti proceswali li din l-allegazzjoni ma giet bl-ebda mod sostanzjata, u din il-Qorti ma thossx li dan l-aggravju vantat mill-attur effettivament gie ppruvat mill-istess attur fil-grad ta' prova rikjest mill-ligi.

**<u>(c) Abbandun.</u>**

Illi l-attur sostna illi l-kontendenti nfirdu *de facto* darbtejn, dejjem minhabba htijiet imputabbli lill-konvenuta. L-ewwel darba kien fis-sena 1991 meta telqet mid-dar u sussegwentement kien hemm rikonciljazzjoni fis-sena 1992.

Illi t-tieni darba kien meta telqet lejn l-Awstralja. L-attur xehed a fol. 4 ta' l-affidavit illi:-

"*Fl-4 ta' Novembru 2001, marti qabdet u telqet lejn l-Awstralja minghajr lanqas biss infurmatni.*"

**<u>(d) Komunjoni ta' l-Akkwisti.</u>**

Illi l-attur spjega li l-assi u d-djun formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti huma s-segwenti:-

**<u>Assi.</u>**

(i) L-ewwel dar matrimonjali inbieghet lil Mohammed Kablan permezz ta' kuntratt datat 15 ta' Ottubru 1992, fl-atti tan-Nutar Rosario Bonello. L-attur xehed illi "*Mal-kuntratt stess, jiena u Lucia hadna nofs il-prezz kull wiehed, jigifieri hadna tmint elef u erba' mija u hamsin Lira Maltin (Lm8,450) kull wiehed.*"

(ii) F'April ta' l-1992 l-attur akkwista proprjeta` f'isem huh Joseph Greengrass (*vide* Dok "HG 1") bil-prezz ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000). Sussegwentement fit-12 ta' Jannar 1995, Joseph Greengrass "*dawwar id-dar fuq isimna* (l-attur u l-konvenuta)*, permezz ta' kuntratt ta' bejgh quddiem in-Nutar Patrick Critien* (Dok "HG 2")*. Ghalkemm gie dikjarat li l-post kien qed jinxtara bil-prezz ta' sebat elef Lira Maltin (Lm7,000), fil-fatt jiena kont hallast xejn iktar lil hija, u wisq anqas Lucia. Fil-fatt il-post gie dikjarat b'dan il-prezz … jiena kont ghamilt xoghlijiet fih li ziedulu l-valur."* (a fol. 2 ta' l-affidavit).

Illi t-tieni dar matrimonjali giet valutata mill-Perit Valeriano Schembri fil-valur ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000) skond certifikat minnu rilaxxjat immarkat bhala Dok "HG 3".

(iii) Mobbli varji ezistenti fid-dar matrimonjali kif jidhru fid-dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok "HG 4" sa "HG 6".

(iv) vettura tat-tip Vauxhall Nova bin-numru ta' registrazzjoni LAF 827.

(v) Kont tal-Bank fejn hemm depozitati madwar mitejn Lira Maltin (Lm200).

**Djun.**

Illi fl-affidavit l-attur xehed dwar id-djun maghmula mill-konvenuta u li gew imhallsa ghas-saldu mill-attur. Dawn id-djun u l-pagamenti relattivi huma sostanzjati permezz ta' provi dokumentarji markati Dok "HG 12" sa "HG 18" illi jikkonsistu fis-segwenti:

(i) "HG 12" u "HG 13" – hames mija u tmenin Lira Maltin (Lm580) imhallsa lil Saltfish Ltd rapprezentanti l-ispejjez ghall-*container* ta' l-ghamara li l-konvenuta ittantat tibghat lejn l-Awstralja;

(ii) “HG 14” – mija u tlieta u tmenin Lira Maltin (Lm183) imhallsa lil John Gregory Ltd rapprezentanti akkwist ta' mitt kaxxa tal-hajt mill-konvenuta;

(iii) “HG 15” – mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) mhallsa lil certu Karmenu Theuma liema ammont kien inghata minnu lill-konvenuta sabiex akkwistat il-biljett ta' l-ajru ghall-Awstralja;

(iv) “HG 16” – hamsa u sittin Lira Maltin (Lm65) dejn mal-hanut bl-isem Jasmine Boutique imhallsa mill-attur. Ghalkemm l-attur ma ressaq l-ebda prova indikattiva ta' l-affarijiet li nxtraw kif ukoll min hallas u min akkwista, il-Qorti tinnota illi *in vista* tal-fatt illi l-konvenuta naqqset milli tirribatti l-allegazzjoni ta' l-attur, fic-cirkostanzi ghandhom jitqiesu bhala mhallsa mill-attur.

(v) “HG 17” – mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250) mhallsa mill-attur lil Carmelo Abela rapprezentanti self ta' flus minn dan ta' l-ahhar lill-konvenuta.

(vi) “HG 18” – Kont tal-Maltacom fl-ammont ta' mitejn u tmienja u ghoxrin Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm228.48) mill-liema ammont l-ammont ta' mitejn u hames Liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm205.10) li jirrapprezentaw telefonati nternazzjonali li allegatament saru mill-konvenuta.

**ii). APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi primarjament, il-Qorti kkunsidrat illi l-konvenuta baqghet kontumaci tul il-process tal-kawza u ghalhekk ma ressqet ebda prova sabiex tirribatti l-fatti kif esposti mill-attur, zewgha. Minn naha l-ohra, huwa minnu wkoll li l-provi mressqa mill-attur kienu jikkonsistu biss fix-xhieda tieghu, liema xhieda u provi ma gew bl-ebda mod ikkontestati u ghalhekk necessarjament li l-apprezzament ta' din il-Qorti huwa hekk limitat ghall-provi kif fil-fatt prodotti.

Illi mill-kumpless tal-provi, l-Qorti hija tal-fehma illi l-attur ghandu ragun jinsisti li l-agir tal-konvenuta irrendiha

responsabbli ghat-tifrik tal-hajja konjugali bejn il-kontendenti. F'dan il-kuntest il-Qorti tixtieq taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijet.

**Abbandun.**

Illi ghalkemm ma kienx hemm talba ghal separazzjoni a bazi ta' l-abbandun tal-konvenuta, l-attur xorta wahda ghamel referenza ghaliha fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Il-Qorti tinnota illi ghalkemm kien hemm abbandun minn naha tal-konvenuta dan kien biss ta' natura temporanja, fl-ewwel okkazjoni, u ma eccediex il-perijodu ta' sentejn kif rikjest mill-**artikolu 41 tal-Kodici Civili**. *Inoltre* it-tieni abbandun li ghadu jsehh sa llum lanqas ma ecceda l-perijodu ta' sentejn.

Illi hawn issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb noe"** (P.A. 22 ta' Frar 1961) fejn din il-Qorti diversament presjeduta sostniet illi:-

"*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr ir-rekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun."*

Illi madankollu il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax illi l-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali darbtejn u l-familja taghha minghajr ma pprestat ebda hsieb sahansitra fir-rigward ta' wliedha minuri, pero' dan ghandu jigi kkunsidrat taht kap iehor tar-ragunijiet ta' separazzjoni li taw lok ghal din il-kawza.

**Adulterju.**

Illi l-Qorti tirrileva li l-adulterju huwa bla dubju l-aktar kawza gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali. Fil-kaz odjern, ghalkemm l-attur allega illi martu hija hatja ta' adulterju, huwa ma ressaq ebda prova

konkreta indikattiva ta' l-adulterju tal-konvenuta u ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti tikkunsidra tali allegazzjoni mhux sufficjentement ippruvata.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

"… *l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".* (**"Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** *Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

Illi fil-kaz odjern l-attur ma ressaq ebda indizzji u prezunzjonijiet gravi, precizi u konkordanti. L-unika prova mressqa kienet dikjarazzjoni tieghu ta' dak li kienet tghidlu martu, u fil-fehma tal-Qorti dan ma kienx sufficjenti sabiex jikkonvinciha li l-konvenuta kienet tassew adulteruza kif allegat.

**<u>Sevizzi, minacci, theddid u ngurji gravi.</u>**

Illi fil-kaz in ezami, l-attur qieghed jivvanta wkoll bhala motivi ghat-talba tieghu ghas-separazzjoni, is-sevizzi, minacci, theddid w ingurji gravi. Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta'

separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli.

Illi jirrizulta li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta’ ngurji gravi fil-konfont ta’ l-attur peress illi kif xehed l-attur, diversi drabi hija kienet takkuza lill-attur illi kellu relazzjonijiet ma’ nisa ohra. Din l-akkuza ma gietx zmentita jew negata mill-konvenuta anke ghaliex hija baqghet kontumaci f’din il-kawza. F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **“Marthese Vella vs George Vella”** (P.A (P.S.) 8 ta’ Frar 2003 - Cit Nru:2466/1996/PS) fejn din il-Qorti diversament presjeduta sahqet li:-
“*Huwa assodat fil-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati illi meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega, jew jaddebita relazzjonijiet extra-maritali, una volta imbaghad dawn ma jigux provati lanqas permezz ta’ xi indizji precizi u konkordanti, dan jikkostitwixxi ingurja gravi, li anke wahedha taghti lok ghas-separazzjoni.”*

Illi l-Qorti tinnota li l-allegazzjonijiet maghmula mill-konvenuta li l-attur kellu relazzjonijiet extra-maritali qatt ma kienu jigu ppruvati u ghalhekk tali rrendew il-konvivenza difficli.

Illi *‘noltre* gie ppruvat illi l-konvenuta kienet persistentement thedded lill-attur illi titlaq mid-dar kif finalment ghamlet u kif kienet ghamlet diversi drabi qabel fejn sahansitra siefret waheda.

*“…il-konvenuta kienet dejjem thedded lill-esponenti illi jekk ma jaghtihiex kull ma titlob u ma jaghmilx dak li riedet, anke jekk tali pretensjonijiet kienu irragonevoli fic-cirkostanzi, hija kienet ser titlaq lilu u lill-familja … bhalma effetivament ghamlet darbtejn.”*

Illi l-Qorti tikkunsidra l-fatt ukoll illi tali theddid u minacci kienu persistenti, kif ukoll il-fatt illi l-konvenuta wasslet biex wettqet dak li kienet qed thedded li taghmel. Terga’ ssir referenza ghas-sentenza fuq appena citata fejn gie ritenut illi:-

"*Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."*

Illi dawn iz-zewg kapi (it-theddid u ingurji gravi) huma sufficjenti sabiex jikkostitwixxu motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli u dan apparti li jidher car li l-konvenuta kemm-il darba telqet mid-dar kunjugali habta u sabta kif jidher li ghamlet qabel l-istituzzjoni ta' din il-kawza u dan jikkostitwixxi wkoll kaz ta' sevizzi fih innifsu.

Illi f'dan il-kuntest il-Qorti tirrileva illi ma hemmx ghalfejn illi jikkonkorru s-sevizzi, l-ingurji gravi, it-theddid u l-minacci kollha flimkien izda huwa sufficjenti illi jigi ppruvat wiehed minnhom, ghalkemm f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li lkoll jissistu, ghaliex anke ghal dak li huwa theddid, kemm-il darba l-konvenuta heddhet li kienet ser titlaq mid-dar, kif fil-fatt ghamlet diversi drabi. Il-Qorti hawn taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Elisa Thompson vs Edward Thompson"** (P.A. - 12 ta' Mejju 1925) fejn din il-Qorti dakinhar sostniet illi:

"*Issa kif inhu pacifiku "perche` il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gle eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale".*

**<u>Il-Komunjoni ta' l-Akkwisti.</u>**

**<u>Assi.</u>**

Illi l-Qorti tikkunsidra l-fatt illi sostanzjalment l-assi tal-komunjoni gew akkwistati mir-ragel. L-assi komunitarji jikkonsistu fid-dar matrimonjali, fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAF 827 u l-mobbli varji ezistenti gewwa l-imsemmija dar matrimonjali. Il-Qorti tinnota illi meta nbieghet l-ewwel dar matrimonjali, ir-rikavat inqasam bejn il-kontendenti u filwaqt illi l-attur uza sehemu mir-rikavat sabiex akkwista d-dar matrimonjali odjerna, il-mara *stante*

l-kontumacja taghha naqqset milli tindika l-uzu tas-sehem taghha, pero' ma hemm xejn mill-provi x'jindika li hija utilizzat l-istess ammonti sabiex tigi akkwistata xi haga tal-komunjoni, anzi jidher li l-istess ammonti baqghu ghandha u wzathom ghaliha.

Illi *inoltre* l-attur xehed illi ghamel xi xogholijiet ta' ripristinar ta' l-istess dar, ghalkemm huwa naqas milli jipproduci r-ricevuti fiskali relattivi, pero' tali verzjoni ta' l-attur min-naha l-ohra ma giet bl-ebda mod ikkontestata. L-attur xehed ukoll a fol. 6 ta' l-affidavit tieghu (fol. 33 tal-process) li:-

"*Kemm domna mizzewgin, Lucia ma kinitx trid tahdem u ghalhekk kull ma hemm fid-dar u kull ma sar fiz-zwieg, sar kollu bl-gharaq ta' xbini.*"

**Djun.**

Illi l-Qorti taghmel referenza ghad-dokumenti "HG 12" sa "HG 18" indikattivi tad-djun ikkontratti mill-konvenuta b'konnessjoni mas-safra taghha lejn l-Awstralja, liema djun gew ukoll imhallsa mill-attur.

Illi peress illi dawn id-djun gew ikkontrattati waqt iz-zwieg, ghaldaqstant huma djun tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi fir-rigward ta' l-allegazzjoni a fol. 5 ta' l-affidavit ta' l-attur (a fol. 32 tal-process) li qabel ma l-konvenuta telqet lejn l-Awstralja harget elf u erba' mitt Lira Maltin (Lm1,400) minn kont bankarju fuq isimha, il-Qorti tinnota illi l-attur ma ressaq l-ebda xhieda jew prova dokumentarja in sostenn ta' dan, izda minn naha l-ohra din l-allegazzjoni da parte ta' l-attur ma giet lanqas bl-ebda mod kontestata, u dan *nonostante* li l-konvenuta nghatat l-opportunita' li tressaq is-sottomissjonijiet taghha anke f'dan il-kuntest.

**Generali.**

Illi l-Qorti ma tistax ma tinnotax l-attitudni tal-konvenuta illi minghajr ebda hsieb iddecidiet illi tittrasloka u tmur tabita gewwa l-Awstralja filwaqt illi thalli l-familja taghha warajha. Il-Qorti tinnota wkoll l-attitudni tal-mara illi fi zmien l-ewwel firda *de facto* kif ukoll fit-tieni firda ddecidiet unilateralment illi tqieghed id-dar matrimonjali ghall-bejgh minghajr ma tat ebda kunsiderazzjoni ghall-effetti negattivi li tista` thalli fuq il-familja taghha.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-komportament tal-konvenuta wassal ghall-fatt illi lanqas giet accettata mill-familjari taghha illi jabitaw l-Awstralja, kif jidher mid-dokumenti mmarkati bhala Dok “HG 7” sa “HG 11.”

Illi ssir referenza ghall-fatt mhux ikkontestat li wara l-ewwel firda *de facto* u r-rikonciljazzjoni sussegwenti, il-konvenuta ma ghamlet l-ebda oggezzjoni ghall-konvivenza taghha ma’ l-attur u dan dam biss sakemm gie finallizzat it-trasferiment tad-dar matrimonjali f’isimha u f’isem l-attur, li jindika li l-istess konvenuta kellha skopijiet ulterjuri, *stante* li wara tali trasferiment rega` beda` minn naha taghha s-soltu disgwid li jidher li kienet imdorrija bih qabel u tul parti sostanzjali mill-istess zwieg, almenu minn meta beda ir-rakkont ta’ l-attur f’din il-kawza.
Illi jigi wkoll rilevat li jidher illi t-tieni dar matrimonjali giet akkwistata unikament minn fondi ta’ l-attur rikavati minn sehmu mill-bejgh ta’ l-ewwel dar matrimonjali filwaqt illi l-konvenuta ma tat ebda rendikont tan-nefqa ta’ sehma u mill-provi prodotti jidher li l-fondi li kienu jinsabu ghand il-konvenuta bl-ebda mod ma ntuzaw ghall-akkrexximent tal-komunjoni ta’ l-akkwisti.

**<u>L-applikazzjoni ta’ l-artikolu 48 tal-Kodici Civili.</u>**

Illi l-attur kemm fit-talbiet tiehu kif ukoll fin-nota ta’ sottomissjonijiet sahaq illi d-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** kellhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenuta u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu numru 51**.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-**artikolu 51 tal-Kodici Civili** li jghid testwalment li:-

"*Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom jghoddu, f'kollox jew f'bicca, id-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu."*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti kif sostna ben tajjeb l-attur, l-effetti kontemplati mill-artikolu fuq citat ghandhom japplikaw biss f'kaz fejn iz-zwieg ikun tfarrak bi htija preponderanti ta' xi hadd mill-mizzewgin.

Illi l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ghamel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Natalina Ellul imwielda Camilleri vs John Ellul"** (P.A. (RCP) 28 ta' Novembru 2002 – Cit. Nru. 1066/2000/RCP) fejn il-konvenut f'dik il-kawza kien ukoll kontumaci. Il-Qorti tinnota illi fil-kawza citata, l-attrici hemmhekk ressqet diversi xhieda fosthom tat-tfal tal-kontendenti kif ukoll ta' omm l-attrici, mentri fil-kawza odjerna l-attur ipproduca x-xhieda tieghu biss *nonostante* illi ghandu tlett itfal.

Illi madankollu il-Qorti hija tal-fehma illi *in vista* tal-fatti mwettqa mill-konvenuta senjatament l-aggravji msemmija kif ukoll l-abbandun temporanju fl-ewwel separazzjoni *de facto* u t-tieni abbandun li ghadu jsehh sal-gurnata ta' llum minghajr ebda konsiderazzjoni lanqas fl-interess tat-tfal, dak iz-zmien minuri, kif ukoll it-tentattiv ta' bejgh tad-dar matrimonjali f'zewg okkazzjonijiet, il-Qorti hi tal-fehma illi hemm ragunijiet sufficjenti sabiex jissanaw l-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** fil-konfront tal-konvenuta b'effett mid-data ta' l-ewwel separazzjoni *de facto* u cjoe` mis-sena 1991.

Illi l-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xhieda ta' l-attur a fol. 6 ta' l-affidavit (a fol. 33 tal-process) fejn xehed illi "*biss nghid illi meta konna sseparajna fl-1991 u kienet marret toqghod ghand ommha, Lucia kienet marret tahdem fil-Kennedy Hotel bhala waitress. Gieli hadmet ukoll bhala salesgirl kemm qabel iz-zwieg u forsi xi ftit xhur wara li konna irrangajna meta konna se nisseparaw l-ewwel darba."*

Illi ghalhekk bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fil-konfront ta’ l-attrici u *in vista* tal-provi kollha prodotti din il-Qorti thoss li l-assi kollha appartenenti lill-komunjoni ta’ l-akkwisti ghandhom jibqghu f’idejn u jigu assenjati lill-attur, *stante* li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-istess firda bejn il-kontendenti u l-assi tal-komunjoni gew akkwistati principarjament mill-attivita’ ta’ l-attur, b’dan pero’ li l-istess attur ghandu jaghmel tajjeb ghad-dejn kollu minnu indikat f’atti ta’ din il-kawza.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, u filwaqt li **tichad il-hames talba attrici *stante* li ma hemmx bzonnha, tilqa’ t-talbiet l-ohra kollha attrici** biss u fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

(1) Tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro,* bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi imputabbli lill-konvenuta, konsistenti f’servizzi, minacci, theddid u ingurji gravi b’dan li kawza ta’ l-istess l-istess zwieg tkisser irremedjabbilment;

(2) Tilqa’ t-tieni talba u tillikwida u xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u;

(3) Tilqa’ t-tielet talba u tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuta iddekadiet minn sehemha fil-komunjoni ta’ l-akkwisti, u dan bl-applikazzjoni ta’ l-effetti kollha ta’ l-**artikolu 48 *et seq* tal-Kodici Civili** skond ukoll id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 52 tal-Kap 16** kontra l-istess konvenuta, u favur l-attur;

(4) Tilqa’ r-raba` talba attrici b’dan li bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra l-konvenuta tassenja lill-attur: (a) id-dar matrimonjali 8, Antonio Bosio Street, Msida u l-mobbli ta’ gewwa fiha lill-attur peress illi kif gie ppruvat dawn gew akkwistati bis-sahha ta’ l-attur u li l-konvenuta ma kkontribwitx ghalihom; (b) il-vettura tal-

marka Vauxhall bin-numru ta’ registrazzjoni LAF – 827; (c) il-kont bankarju imsemmi f’fol. 6 ta’ l-affidavit attrici, b’dan pero’ li l-istess attur ghandu jhallas il-kontijiet kollha indikati minnu fl-affidavit tieghu tas-16 ta’ Settembru 2002 u senjatament dawk indikati minnu bl-ittri (a) (b) (c) (d) u (e) a fol. 4, u 5 ta’ l-affidavit tieghu (a fol. 31 u 32 tal-process).

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------